VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,369, 18 ta' Marzu, 2020*
*Taqsima B*

**A.L. 83 tal-2020**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

## Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar ta' Ordni ta' Infurzar li jirrigwardaw l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar ta' Ordni ta' Infurzar li jirrigwardaw l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-18 ta' Marzu, 2020.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika; Kap. 465.

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Miżuri li jittieħdu mis-Suprintendent.

**3.** F'konformità mar-regolamenti 27(ċ) u 29(1) tal-Att, is-Suprintendent b'dan qiegħda tippreskrivi miżuri li jissalvagwardjaw kontra u, jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19.

Għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku. L.S. 465. 21.

**4.** Kwalunkwe ordni maħruġa mis-Suprintendent għall-għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku skont l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku għandhom ikunu strettament osservati.

Reati u pieni.

**5.** Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tliet elef euro (€3,000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-ordni għall-għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku tiġi miksura.